MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 688/2005

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**John Mary u Agostina sive Alice mizzewgin Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti premettiet:

Illi permezz ta' Sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-12 t'Ottubru, 1999 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs John Mary u Agostina sive Alice mizzewgin Vella" (Citazz. Numru 315/99/RCP) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' wiehed u sittin elf u sebgha u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm61,097.75) kwantu ghal disgha u hamsin elf, disa' mija u dsatax-il Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm59,919.59) sorte u kwantu ghal elf, mija u tmienja u sebghin Liri

Maltin u sittax-il centezmu (Lm1,178.16) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u markata Dok. "B", flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 1998 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Illi, illum id-debitu ta' l-intimati jammonta ghal erbgha u sittin elf, hames mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm64,574.89) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Lulju, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet li l-Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti moghtija fit-12 t'Ottubru, 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' erbgha u sittin elf, hames mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm64,574.89) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Lulju, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.
Rat li l-intimati notifikati ma prezentawx risposta u lanqas ma dehru ghar-rikors.

Rat li Dr Dominic Cassar ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b’dan illi tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tezegwixxi s-sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti moghtija fit-12 t'Ottubru, 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' erbgha u sittin elf, hames mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm64,574.89) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Lulju, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------